MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 46/2022-8

Il-Ħamis, 3 ta' Marzu 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza b'mod virtwali fuq MS Teams. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' fil-għaxija.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

46.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini.

46.2 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku informat lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sur Daniel Cordina u l-Kunsillier Baskal Saliba infurmaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet personali u ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

46.3 **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* u il-*Quarterly Report***

L-*accountant* tal-Kunsill ġie mistieden sabiex jingħaqad b'mod virtwali sabiex jagħti l-ispjega tiegħu rigward l-*financial statement* u il-*quarterly report*.

L-*accountant* qal li ġie mħejji l-*Financial Statements 2021* sabiex l-awdituri jkunu jistgħu jagħmlu r-rapport tagħhom. Spjega d-dħul u l-ħruġ tal-Kunsill u x'allokazzjoni jkun irċieva l-Kunsill. Qal li d-dħul rikorrenti hu ta' €678,000. Il-Kunsill kellu spiża ta' €684,000 u għalhekk il-Kunsill għalaq is-sena b'*deficit* ta' €5,800. Hawn il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa jekk il-flus li l-Kunsill għandu jdaħħal mir-Reġjun t'Għawdex, cioe' €25,000 humiex imdaħħla f'dan ir-rapport, l-*accountant* infurmah li dawn ma daħlux peress li l-Kunsill għad ma kellu ebda' forma ta' konferma mir-Reġjun li dawn ser jingħataw lil Kunsill. Pero' malli l-Kunsill ikollu l-konferma jkun jista' jdaħħalhom fir-rapport.

L-*accountant* kompla jgħid li l-ammont ta' €5,800 jinkludi wkoll id-*depreciation.* Kompla jgħid li bħala spejjes amministrattivi kien hemm €280,000 għalhekk il-Kunsill għamel profitt ta' €112,000 jekk titnaqqas id-*depreciation.* Qal li l-akbar ammont intefaq fi proġetti kapitali bħal xogħol fuq ir-*retaining wall* ta' Triq il-Batterija u proġetti simili. Fakkar li fis-sena 2020, il-Kunsill kellu *deficit* akkumulat ta' €72,000. Kompla jgħid li sal-aħħar ta' Diċembru 2021, il-Kunsill spiċċa s-sena b'*deficit* ta'

€2,300 u għalhekk id-*deficit* niżel biċ-ċirca €70,000. Hawn il-Kunsillier Nicky Saliba fakkar lil *accountant* illi jekk ir-Reġjun t'Għawdex jibgħat il-€25,000, il-Kunsill jiġi b'€23,000 minn fuq. L-*accountant* qal li l-Kunsill jiġi *break even* u għalhekk ta' l-parir li l-Kunsill joqgħod bil-għaqal kif jintefqu l-flus. Hawn l-*accountant* spjega kif fl-aħħar kwart tas-sena intefqu €40,000 li dawn tefgħu lura lill-Kunsill u għalhekk l-ammonti reġew marru mal-linja u l-FSI spiċċa 0 (zero). Fakkar li l-Kunsill hu fid-dmir li jkollu madwar €60,000 bħala *surplus* biex ikun f'qadgħa finanzjarja tajba.

Wara li l-*accountant* ta' l-ispjega dettaljata tiegħu, is-Sindku rringrazzjatu u ħareġ ml-laqgħa.

Il-*Financial Statement 2021* u l-*Quarterly Reports (Quarter 4)* ġew approvati mill-membri preżenti.

Is-Sindku rringrazzjat lil membri li attendew għal din il-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.50 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini

Sindku

Odette Camilleri

Segretarju Eżekuttiv